SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura
Laqgħa Numru 24-21

25 ta' Frar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.45 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku – b'mod virtwali kien preżenti għall- laqgħa fil-4.50 p.m

Terrence Ellul – Kunsillier – b'mod virtwali

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier kien preżenti għall-laqgħa fis-5.50 p.m

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

24.1. Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras li kien informa 'l Kunsill li kien ser jattendi aktar tard għaliex kien inqabad fuq xogħol urġenti. Huwa ġie skużat.

24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 23-2021

Il-Minuti tal-laqgħa numru 23-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Kunsilliera Kylie D'Amato.

24.3 Affarijiet finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato staqsiet rigward pagament tal-*gym equipment*. Is-Sindku qalet illi dan l-ewwel kien ser jitħallas mill-Kunsill imbaghad wara konna ser nirċievu l-istess ħlas minn Infrastructure Malta.

Apporvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru CM 23-21 għal perjodu bejn 30 ta' Jannar 2021 sal-26 ta' Frar 2021 u minn ċekk numru BOV 8282 sa ċekk numru BOV 8297 u minn *Bank Transfer* 27/21 sa 57/21.

24.4 Rapport Finanzjarju għas-sena 2020

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Rapport Finanzjarji għas-sena 2020. L-*accountant* tal-Kunsill li kienet preżenti għall-laqgħa spjeġat dwar l-*accrued income* u tat *breakdown* tal-ammont ta' fondi li kien irċieva l-Kunsill marbuta ma' spejjeż li għamel il-Kunsill fis-sena 2020. Hija spjegat li d-*depreciation charge* għas sena 2020 kienet ta' 78,494 Euro u li minħabba f'hekk il-Kunsill kien ser jispiċċa b'*accounting deficit*. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u għamel xi domandi li għalihom wieġbet l-*accountant* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel u approva dan ir-rapport Finanzjarju għas-sena 2020.

24.5 Rapport Finanzjarju ta' l-aħħar kwart tas-Sena 2020

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2020. L-*accountant* tal-Kunsill qalet li dan ir-rapport huwa rifless fir-Rapport Finanzjarju li għadu kif iddiskuta l-Kunsill peress li jkopri l-istess perjodu. Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

24.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.6.1 *Dog Park* u *Sensory Playground*

Is-Sindku Charmaine St John qalet illi kellha konferma illi Infrastucture Malta kienu ser jissusidjaw il-pathway tad-dog park kif ukoll is-*sensory playground*.

24.6.2 Spi/Sci/3/2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021

Is-Sindku Charmaine St John ressqet inizjattiva minn naħa tal-iskemi tad-dipartiment. Is-Sindku qalet illi diga' kienet attendiet laqgħa mal-ambaxxatur ċiniżi li kienu qed jaċċettaw li jikkollaboraw flimkien mal-Kunsill fir-rigward attivitajiet kulturali. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi għandha ssir attivita' kulturali b'kollaborazzjoni maċ-Ċinizi. Il-Kunsill qabel illi din l-inizjattiva kienu ser jieħdu ħsiebha l-Viċi Sindku Frederick Cutajar flimkien mal-Kunsilliera Kylie D'Amato.

24.6.3 Kopji tal-ktieb "Pultruna li Titbandal"

Is-Sindku preżentat talba minn persuna sabiex il-Kunsill jixtri kopji tal-ktieb "il-Pultruna li Titbandal" għal prezz ta' 12 euros il-wieħed. Il-Kunsill qabel illi għandna nixtru żewġ kopji sabiex jitpoġġew fil-librerija.

24.6.4 *Proposal for the reinstatement of parking bays* in Triq Ġuljetta Lopez

Is-Sindku ressqet talba mressqa mill-Viċi Sindku s-Sur Fredrick Cutajar sabiex meta titneħħa l-*bus terminus* li hemm fi Triq Ġuljetta Lopez minflok għandhom jerġgħu jsiru l-parkeġġi li kien hemm qabel sabiex insolvu ftit mill-problema tal-parkeġġ. Il-Kunsill qabel li jsiru l-parkeġġi mill-ġdid u qabel illi sabiex isir xogħol professjonali l-Kunsill għandu jitlob stima mingħand il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali.

24.6.5 Kwotazzjoni għal-*Lapel Pins*

Is-Sindku Charmaine St John ressqet talba tal-Viċi Sindku sabiex jinxtraw 4 *lapel pins* bil-logo ta' Santa Luċija għal min ikun ħa Ġieħ Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna niċċekjaw il-proċedura u nordnaw mill-inqas sebgħa sabiex jingħataw lil min ħa s-sena l-oħra u ta' qabel.

24.6.6 Skema ta' għajnuna għal librerija 2021 u Fondi Pendenti

Is-Sindku qalet illi Reġjun Nofsinhar kien ħareġ skema oħra favur il-libreriji pubbliċi. Hija qalet illi kienet tkellmet mal-librara li kienet qed tissuġerixxi illi b'dawn il-flus jinxtraw kotba bil-Malti sabiex id-domanda tal-pubbliku tintlaħaq. Is-Sindku qalet illi l-librara għandha tgħaddi l-lista tal-kotba lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva'.

24.6.7 Kuntratt Perit Cutajar

Is-Sindku qalet illi l-Kuntratt tal-Perit kien wasal sabiex jerġa' jiġġedded għal sena oħra. Hija qalet l-*performance* tal-Perit ma kinitx waħda sodisfaċenti u għalhekk kienet qed tissuġerixxi li l-Kunsill ma jerġax iġedded il-Kuntratt, aktar u aktar meta l-Kunsill seta' jagħmel użu mill-Perit tar-Reġjun.Il-Kunsill qabel illi dan il-punt jigi diskuss aktar il-quddiem.

24.6.8 Kwotazzjonijiet għal *Sails for Dog Park* u nett għal 5-a-*side goal posts*

Is-Sindku Charmaine St John ressqet kwotazzjoni sabiex isiru s-*sails fid-dog park* u netting għal *goal posts* għal grawnd tal-futbol. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-kwotazzjonijiet u qabel illi għandna nordnaw is-Sails għad-dog park pero' qabel nordnaw in-net għal goal posts il-Kunsill għandu jara li kellna fl-istore kinux tajbin u nitolbu kwotazzjoni oħra minn fornitur ieħor.

24.6.9 Permess mill-MTA

Is-Sindku qalet illi l-Kunsill kien ircieva komunikazzjoni mingħand l-MTA rigward żewġ permessi għall-Ġnien taċ-Ċiniżi li ma kinitx taf xejn dwarhom. Il-Vici Sindku qal illi dawn l-applikazzjonijiet kienu ntefghu żmien kbir ilu u li ma kienx jiftakar eżatti.

24.6.10 Impjegata titla' Scale 10

Is-Sindku Charmaine St John ressqet talba sabiex l-impjegata tal-Kunsill titla' Scale 10. Is-Sindku qalet illi din l-impjegata jixraqilha illi tieħu l-*incremen*t xahrejn qabel għaliex bin-nuqqas ta' Segretarju Eżekuttiv full-time ħafna mix-xogħol u responsabbilita' qiegħda taqa' fuq l-impjegati. Il-Kunsill qabel illi din l-impjegata titla Scale 10 b'effett immedjat.

24.6.11 Impjegata titla 2 *increments fil-pay scale*

Is-Sindku Charmaine St John qalet illi t-tieni mpjegata tal-Kunsill ukoll jimmeritha illi titla' żewġ *increments* fil-paga. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel illi meta l-impjegata ikun wasal illi titla' *increment* jiġifieri fl-1 ta' Ġunju, 2021 din għandha titla' żewg *increments* minflok wieħed.

24.6.12 Kwotazzjonijiet sabiex jinxtara vann għall-Kunsill

Is-Sindku Charmaine St. John qalet illi kien jinħtieġ illi l-Kunsill jinvesti fix-xiri ta' vann għall-użu tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt u qabel illi l-Kunsill għandu jikseb l-kwotazzjonijiet sabiex naraw x'inhu l-aħjar tip ta' vann li għandu jinxtara.

24.6.13 Kwotazzjonijiet għaż-żbir tas-siġar

Is-Sindku qalet illi l-Kunsill kien talab għal kwotazzjoni sabiex isir iż-żbir tas-siġar madwar ir-raħal. Hija qalet illi l-Kunsill kien irċieva kwotazzjoni waħda biss għal prezz ta' €1758.20. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandu jsir iż-żbir tas-siġar skond il-kwotazzjoni.

Hawn il-Kunsill iddiskuta l-kuntratt tas-*soft areas* minħabba li l-kuntrattur ma kienx qed jagħmel iż-żbir hekk kif kien stipulat fil-kuntratt. Is-Sindku qalet li hija kienet ser terġa' titlob laqgħa mal-kuntrattur sabiex jiġu diskussi l-problema taż-żbir u l-problema kif kienet ser issir it-tisqija forsi jkun jista' jintlaħaq kompromess bejnietna.

24.6.14 Pjanti għaċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku qalet illi kienet bagħtet il-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid lill-Kunsilliera. Il-Kunsilliera ddiskuta l-pjanti u kif kienet ser tiġi l-binja u qablu illi l-Kunsill għandu jitfa' l-applikazzjoni għal bini taċ-Ċentru Ċiviku.

24.6.15 *Bike Racks*

Is-Sindku qalet illi kien wasal iż-żmien u li l-Kunsill jaħseb sabiex jitpoġġew *bike racks* madwar il-lokalita'. Hija qalet illi l-Kunsill kien ser jitlob għal kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw numru ta' *bike racks*. Il-Kunsill qabel.

24.7 Rapporti

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contracts Manager tal-kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Frar 2021, *workplan* għax-xahar ta' Marzu 2021 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Frar 2021.

24.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

24.8.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar staqsa jekk il-Kunsill kienx ħa risposta minn Transport Malta rigward il-problema sabiex toħroġ fi Triq tal-Barrani. Is-Sindku kkonfermat illi kienet kkomunikat ma Infrastructure Malta li kienu qalula illi ma setgħux jilqgħu t-talba tagħna.

24.8.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx tefa' oġġezzjoni rigward il-permess għal *billboards* referenza PA 00669/21 fi Triq Ħal Luqa, Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta dan il-permess u qabel illi għandha ssir oġġezzjoni fiż-żmien stipulat qabel joħroġ il-permess.

24.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-6.46p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2021 fil-5:00 p.m. Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2021.

Charmainie St John
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv